31979L0923

10.11.1979 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 281/47

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-30 ta' Ottubru 1979
dwar il-kwalita mehtiega ghall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski

(79/923/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 100 u 235 tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi l-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent jirrikjedu miżuri konkreti sabiex jipproteġu l-ilmijiet, inklużi l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski, kontra t-tniġġis;

Billi huwa neċessarju li ċerti popolazzjonijiet ta' molluski jiġu salvagwardjati minn diversi konsegwenzi perikoluži, li jirriżultaw mit-tnixxija fil-baħar ta' sustanzi mniġġsa;

Billi l-programmi ta'azzjoni tal-komunitajiet ewropej dwar l-ambjent ta' l-1973 (4) u l-1977 (5) jistipulaw li għandhom jitfasslu għanijiet ta' kwalità b'mod konġunt billi jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet varji li għandhom jintlħqu minn ambjent, b'mod partikolari, id-definizzjoni tal-parametri ta' l-ilma, inkluż l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski;

Billi d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet diġà fis-seħħ jew fi stadju ta' preparazzjoni fid-diversi Stati Membri dwar il-kwalità meħtieġa ta' l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski jistgħu joħolqu kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux indaqs u allura jistgħu jaffetwaw direttament il-mod ta' kif jiffunzjona s-suq komuni; billi għaldaqstant għandhom jiġu approssimati l-liġijiet f'dam il-qasam kif stipulat fl-artikolu 100 tat-trattat;

Billi huwa neċessarju li din l-approssimazzjoni tal-liġijiet titlaqqa' ma' l-azzjoni tal-komunità bl-għan li, permezz ta' dispożizzjonijiet aktar wiesgħa, jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tal-komunità fil-qasam tal-ħarsien ta' l-ambjent u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja; billi f'dan ir-rigward għandhom jiġu stipulati ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi; billi, minħabba li l-poteri ta' azzjoni speċifiċi meħtieġa għal dan il-għan ma kienux previsti fit-trattat, huwa neċessarju li jiġi invokat l-artikolu 235 tieghu;

Billi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-direttiva, l-Istati membri ser ikollhom jindikaw l-ilmijet li għalihom din ser tkun tapplika u ser ikollhom jistabbilixxu valuri ta' limitu li jikkorrispondu ma' ċerti parametri; billi l-ilmijiet hekk indikati għandhom ikunu konformi ma' dawn il-valuri fi żmien sitt snin minn tali indikazzjoni;

Billi sabiex tkun tista' tiġi spezzjonata l-kwalità meħtieġa ta' l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski, għandu jittieħed numru minimu ta' kampjuni u jitkejlu l-parametri stabbiliti fl-anness; billi dan it-teħid ta' kampjuni jista' jitnaqqas jew jitwaqqaf fid-dawl tar-riżultati tal-qisien;

Billi ċerti ċirkostanzi naturali m'humiex fil-kontroll ta' l-istati membri u allura huwa neċessarju li f'certi kazijiet ikun hemm il-possibilità ta' deroga minn din id-direttiva;

Billi l-progress tekniku u xjentifiku jista' jinneċessita l-adattament ta' malajr ta' xi whud mill-ħtiġijiet imsemmija fl-annessi; billi, għandha tinstab proċedura sabiex tiffaċilita l-introduzzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-viċin bejn l-istati membri u l-kummissjoni; billi din il-kooperazzjoni għandha ssir fi ħdan il-kumitat dwar l-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku imwaqqaf bl-artikolu 13 tad-direttiva tal-kunsill 78/659/KEE tat-18 ta' Lulju 1978 dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn il-protezzjoni jew it-titjib sabiex isostni l-ħajja tal-ħut (6);

Billi din id-direttiva ma tistax, waħedha, tassigura l-protezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti tal-molluski; billi għal dan il-għan għandhom għalhekk jiġu sottomessi proposti lill-kummissjoni mill-aktar fis possibli,

(1) ĠU C 283, tat-30.11.1976, p. 3.
(2) ĠU C 133, tas-6.6.1977, p. 48.
(3) ĠU C 114, tal-11.5.1977, p. 29.
(4) ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 3.
(5) ĠU C 139, tat-13.6.1977, p. 3.
(6) ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA :

Artikolu 1

Din id-direttiva tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilmijet tal-koltivazzjoni tal-molluski u tapplika għal dawk l-ilmijiet ta' mal-kosta u salmastri indikati mill-istati membri bħala li għandhom bżonn protezzjoni jew titjib sabiex isostnu l-ħajja u t-tkabbir tal-molluski (bivalve u gasteropod molluscs) u għaldaqstant sabiex jikkontribwixxu għall-kwalità għolja tal-prodotti tal-molluski li jitieklu direttament mill-bniedem.

Artikolu 2

Il-parametri applikabbli għall-ilmijet indikati mill-istati membri jinsabu elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

1. L-istati membri għandhom jistabbilixxu, għall-ilmijiet indikati, valuri għall-parametri elenkati fl-Anness, sakemm dawn il-valuri jkunu mogħtija fil-kolonna G jew fil-kolonna I. Huma għandhom iħarsu l-kummenti li jinsabu fiż-żewġ kolonni.

2. L-Istati membri m'għandhomx jistabbilixxu valuri inqas rigoruż minn dawk mogħtija fil-kolonna I ta' l-Anness u għandhom jagħmlu minn kollox sabiex jirrispettaw il-valuri fil-kolonna G, filwaqt li jikkonsidraw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 8.

3. Għal tnixxijiet li jaqgħu fi ħdan il-parametri "sustanzi organoaloġenati" u "metalli", l-i*standards* ta' l-emissjoni stabbiliti mill-istati membri skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-4 ta' Mejju 1976 dwar tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikoluż mnixxija fl-amjbent akwatiku tal-kommunità [1] għandhom japplikaw fl-istess waqt bħala l-għanjiet ta' kwalità u l-obbligazzjonijiet l-oħra li joħorġu minn din id-direttiva, partikolarment dawk dwar it-teħid ta' kampjuni.

Artikolu 4

1. Għall-bidu, fi żmien sentejn wara n-notifika ta' din id-dirtettiva, l-Istati membri għandhom jindikaw l-ilmijiet tal-molluski.

2. L-Istati membri jistgħu sussegwentament iżidu ma' dawn l-indikazzjonijiet.

3. Filwaqt li jieħdu in-konsiderazzjoni l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 8, l-Istati membri jistgħu jirrevedu l-indikazzjonijiet ta' ċerti ilmijiet partikolarment minħabba fatturi mhux previsti fi żmien l-indikazzjoni.

Artikolu 5

L-Istati membri għandhom jistabbilixxu programmi sabiex inaqqsu t-tniġġis u sabiex jassiguraw li l-ilmijiet nominati huma konformi, fi żmien sitt snin wara n-nominazzjoni skond l-Artikolu 4, kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati membri skond l-Artikolu 3 u mal-kummenti li jinsabu f'kolonni G u I ta' l-Anness.

Artikolu 6

1. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 5, l-ilmijiet indikati għandhom jitqiesu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jekk il-kampjuni ta' dawn l-ilmijiet, meħuda fil-frekwenza minima speċifikata fl-Anness, fl-istess punt tat-teħid tal-kampjuni u tul perjodu ta' 12-il xahar, juru li huma konformi kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati membri skond l-Artikolu 3 u kemm mal-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness dwar:

— 100 % tal-kampjuni għall-parametri tas-"sustanzi organoaloġenati" u "metalli";

— 95 % tal-kampjuni għall-parametri tas-"salinità" u "ossiġnu maħlul";

— 75 % tal-kampjuni għall-parametri l-oħrajn elenkati fl-Anness.

Jekk, skond l-Artikolu 7(2), il-frekwenza tat-teħid tal-kampjuni għall-parametri kollha fl-Anness ħlief għal "sustanzi organoaloġenati" u "metalli" tkun inqas minn dik indikata fl-Anness, il-valuri u l-kummenti msemmija hawn fuq għandhom jiġu rispettati fil-każ tal-kampjuni kollha.

2. Fejn il-valuri indikati mill-Istati membri skond l-Artikolu 3 jew il-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness ma jiġux rispettati minħabba xi diżastru, dawn m'għandhomx jiġu kunsidrati fil-kalkolu tal-percentwali msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 7

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati membri għandhom iwettqu operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni, li l-frekwenza minima tagħhom hija stabbilita fl-Anness.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tirreġistra kwalità ta' l-ilmijiet indikati konsiderevolment ogħla minn dik li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-valuri stabbiliti skond l-Artikolu 3 u l-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-anness, il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni tista' titnaqqas. Fejn ma jkunx hemm l-ebda tniġġis jew riskju ta' deterjorament fil-kwalità ta' l-ilmijiet, l-awtorità kompetenti konċernata tista' tiddeċiedi li t-teħid ta' kampjuni m'huwiex meħtieġ.

3. Jekk it-teħid ta' kampjuni juri li xi valur stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 3 jew xi kumment li jinsab fil-kolonni G jew I ta' l-Anness mhux qed jiġi rispettat, l-awtorità kompetenti għandha

[1] ĠU Nru L 129, 18.5.1976, p. 23.

tistabbilixxi jekk dan hux riżultat ta' xi kumbinazzjoni, ta' xi feno menu naturali jew ta' tniġġis u hekk tieħu l-miżuri xierqa.

4. Il-punt eżatt fejn jittieħdu l-kampjuni, d-distanza minn dan il-punt sa l-eqreb punt fejn ikun hemm tnixxija ta' tniġġis u l-fond li fih għandhom jittieħdu l-kampjuni għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' kull stat membru partikolarment skond il-kondizzjonijet ambjentali lokali.

5. Il-metodi ta' referenza ta' l-analiżi li għandhom jintużaw fil-kalkolu tal-valuri tal-parametri koncernati huma stipulati fl-Anness. Laboratorji li jħaddmu metodi oħrajn għandhom jassiguraw li r-riżultati miksuba jkunu ekwivalenti jew komparabbli għal dawk specifikati fl-Anness.

Artikolu 8

L-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skond din id-direttiva ma jistgħu fl-ebda każ iwasslu, direttament jew indirettament, għal żieda fit-tniġġis ta' l-ilma ta' mal-kosta u dak salmastru.

Artikolu 9

L-Istati membri jistgħu f'kull ħin jistabbilixxu valuri għall-ilmijiet indikati aktar stringenti minn dawk stabbiliti f'din id-direttiva. Jistgħu ukoll jistipulaw dispożizzjonijiet dwar parametri oħrajn barra dawk previsti f'din id-direttiva.

Artikolu 10

Fejn stat membru jikkonsidra li jindika ilmijiet tal-molluski fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera ma' stat membru ieħor, dawn l-istati jridu jikkonsultaw lil xulxin sabiex jistabbilixxu l-partijiet minn dawn l-ilmijet li għalihom tkun tista' tapplika din id-direttiva u l-konsegwenzi li għandhom joħorġu mill-għanijiet tal-kwalità komuni; dawn il-konsegwenzi għandhom jiġu deċiżi wara konsultazzjonijiet formali ma' kull stat koncernat. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'dawn id-deliberazzjonijiet.

Artikolu 11

L-Istati membri jistgħu jidderogaw minn din id-direttiva f'każ ta' temp jew kondizzjonijiet ġeografiċi eċċezzjonali.

Artikolu 12

Dawn l-emendi kif inhuma neċessarji għall-adattament għall-progress tekniku u xjentifiku, il-valuri G għall-parametri u l-metodi ta' analiżi li jinsabu fl-Anness għandhom ikunu adottati mill-kumitat imwaqqaf bis-saħħa ta' l-Artikolu 13 tad-Direttiva 78/659/kee skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14 tagħha.

Artikolu 13

Bl-iskop li din id-Direttiva tibda tapplika, l-istati membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar:

— l-ilmijiet indikati skond l-artikolu 4(1) u (2), f'forma sommarja,

— ir-reviżjoni ta' l-indikazzjonijiet ta' ċerti ilmijiet skond l-Artikolu 4(3),

— id-dispożizzjonijiet stipulati sabiex jiġu stabbiliti parametri ġodda skond l-Artikolu 9,

Fejn Stat membru japplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11, dan għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jagħti r-raġunijiet u l-perjodi antiċipati.

B'mod aktar ġenerali, l-Istati membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba raġunata tal-Kummissjoni stess, kull informazzjoni necessarja għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 14

1. L-Istati membri għandhom jissottomettu rapport dettaljat lill-Kummissjoni dwar l-ilmijiet indikati u l-karatteristiċi bażiċi tagħhom sitt snin wara l-indikazzjoni inizjali skond l-artikolu 4(1), u sussegwentement f'intervalli regolari.

2. Bil-kunsens minn qabel ta' l-Istat membru, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni miksuba.

Artikolu 15

1. L-Istati membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa, sabiex ikunu konformi ma' din id-direttiva, fi żmien sentejn min-notifika tagħha (1). Meta jagħmlu dan huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih.

2. L-Istati membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet principali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat b'din id-direttiva.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, 30 ta' Ottubru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

M. O'KENNEDY

ANNESS

KWALITÀ TA' L-ILMIJIET TAL-KOLTIVAZZJONI TAL-MOLLUSKI

	Parametru	G	I	METODI TA' REFERENZA TA' L-ANALIŻI	FREKWENZA MINIMA TAT-TEHID TA' KAMPJUNI U TAL-KEJL
1.	pH unità pH		7 - 9	— Elettrometrija Kejl mehud *in situ* waqt it-tehid tal-kampjuni	Ta' kull kwart tas-sena
2.	Temperatura °C	Tnixxija li taffettwa l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski m'għandhiex tgholli t-temperatura ta' l-ilmijiet b'aktar minn 2 °C minn dik ta' l-ilmijiet mhux affettwati		— Termometrija Kejl mehud *in situ* waqt it-tehid tal-kampjuni	Ta' kull kwart tas-sena
3.	Kulur (wara l-filtrazzjoni) mg Pt/l		Tnixxija li taffettwa l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski m'għandhiex tikkawża bidla fil-kulur ta' l-ilmijiet wara l-filtrazzjoni b'aktar minn 10 mg pt/l mill-kulur ta' l-ilmijiet mhux affetwati	— Filtru minn membrana ta' 0.45 μm Metodu fotometriku, bl-użu ta' skala tal- platinum/cobalt	Kull tliet xhur
4.	Solidi sospiżi (mg/l)		Tnixxija li taffettwa l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski m'għandhiex tikkawża żieda tal-kontenut tas-solidi sospiżi fl-ilmijiet ta' aktar minn 30 % tal-kontenut ta' l-ilmijiet mhux affetwati	— Filtrazzjoni minn membrana ta' 0.45 μm, li tinxef f' 105 °C u tiżen — Ċentrifugazzjoni (ta' mill-inqas ħames minuti, b'aċċelerazzjoni medja ta' 2 800 sa 3 200 g), li tnixxef f'105 °Ċ u tiżen	Kull tliet xhur
5.	Salinità ‰	12 sa 38 %	— = 40 ‰ — Tnixxija li taffettwa l-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski m'għandhiex tikkawża żieda fis-salinità tagħhom ta' aktar minn 10 % tas-salinità ta' l-ilmijiet mhux affettwati	Konduttimetrija	Darba fix-xahar

	Parametru	G	I	METODI TA' REFERENZA TA' L-ANALIŻI	FREKWENZA MINIMA TAT-TEHID TA' KAMPJUNI U TAL-KEJL
6.	Saturazzjoni ta' l-ossiġnumaħlul %	= 80 %	— = 70 %(valur medju) — Jekk kejl individwali jindika valur inqas minn 70 %, il-kejl irid jerġa' jsir — Kejl individwali ma' jistax jindika valur ta' inqas minn 60 % kemm-il darba m'hemmx konsegwenzi ta' ħsara għall-iżvilupp ta' kolonji tal-molluski	— Il-metodu "Winkler" — Metodu elettrokemikali	Darba fix-xahar, b'minimu ta' kampjun wieħed li jirrappreżenta l- kondizzjonijiet ta' ossiġnu baxx fil-ġurnata tat-teħid tal-kampjuni. Madanakollu, fejn ikun hemm suspetti ta' varjazzjonijiet kbar ta' kuljum, għandu jittieħed minimu ta' żewġ kampjuni kuljum
7.	Idrokarbonji tal-petrolju		M'għandux ikun hemm kwantitajiet ta' idrokarbonji fl-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski f'ċerti kwantitajiet li: — jipproduċu lega viżibbli f'wiċċ l-ilma u/jew iħallu depożitu fuq il-frott tal-baħar, — ikollhom effetti ħżiena fuq il-frott tal-baħar	Eżaminazzjoni viżwali	Kull tliet xhur
8.	Sustanzi organo-alogenati	Il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza fil-laħam tal-molluski għandha tkun limitata b'mod li tikkontribwixxi, skond l-Artikolu 1, għall-kwalità għolja tal-prodotti tal-molluski	Il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza fl-ilma tal-koltivazzjoni tal-molluski jew fil-laħam tal-molluski m'għandhiex tilħaq jew taqbeż livell li jkollu effetti ħżiena fuq il-frott tal-baħar u l-larvae	Kromatografija tal-gass wara estrazzjoni b'solventi xierqa u purifikazzjoni	Kull sitt xhur
9.	*Metalli* Fidda Ag Arseniku As Kadmju Cd Kromju Cr Ram Cu Merkurju Hg Nickel Ni Comb Pb Zingu Zn mg/l	Il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza fil-laħam tal-molluski għandha tkun limitata b'mod li tikkontribwixxi, skond l-Artikolu 1, għall-kwalità għolja tal-prodotti tal-molluski	Il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza fl-ilma tal-koltivazzjoni tal-molluski jew fil-laħam tal-molluski m'għandhiex taqbeż livell li jkollu effetti ta' ħsara fuq il-frott tal-baħar u l-larvae L-effetti sinerġiċi ta' dawn il-metalli għandhom jittieħdu in-konsiderazzjoni	Spettrometrija ta' assorbenza atomika preċeduta, fejn hu xieraq, b'konċentrazzjoni u/jew estrazzjoni	Kull sitt xhur

	Parametru	G	I	METODI TA' REFERENZA TA' L-ANALIŻI	FREKWENZA MINIMA TAT-TEHID TA' KAMPJUNI U TAL-KEJL
10.	Faecal coliforms/100 ml	= 300 fil-laħam tal-molluski u fil-likwidu intervalvulari (1)		Metodu ta' taħlit mal-fermentazzjoni f'sustanzi likwidi f'mill-inqas tliet tubi fi tliet taħlitiet. It-tubi pożittivi jiġu maħruġa fuq mezz ta' konfermazzjoni. Għadd skond in-NAP (in-numru l-aktar probabbli). It-temperatura ta' l-inkubazzjoni 44 °C b'varjazzjoni żejda jew nieqsa 0.5 °C	Kull tliet xhur
11.	Sustanzi li jaffettwaw it-togħma tal-molluski		Konċentrazzjoni anqas minn dik obbligata biex tfixkel it-togħma tal-molluski	Eżaminazzjoni tal-molluski skond it-togħma fejn il-preżenza ta' waħda minn dawn is-sustanzi hija preżunta	
12.	Saxitoxin (prodott minn dinoflagellates)				

Taqsir:

G = gwida
I = obbligatorju

(1) Madanakollu, sakemm l-adozzjoni ta' direttiva dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti tal-molluski għadha pendenti, huwa essenzjali li dan il-valur ikun osservat fl-ilmijiet fejn jgħix il-frott tal-baħar li jitiekel direttament mill-bniedem.